MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 360/2012

**Joseph AZZOPARDI**

**vs**

**John PRIVITERA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mill-attur fl-10 ta' Mejju, 2012** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' elf tlett mija wiehed u erbghin euro u erbgha u erbghin centezmi ta' euro (€1,341.44) u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi permezz ra' skrittura privata datat 30 t' Awissu, 2011, l-intimat kostitwixxa ruhu bhala vera, cert u likwidu debitur b'titolu ta' self versu l-attur Joseph Azzopardi.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut baqa ma hallasx ghal diversi xhur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li minn issa ngunt ghas-subizzjoni, inkluz l-ittra legali datat 30 t' April, 2011".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fid-19 ta' Mejju, 2012, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-27 ta' Gunju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-27 ta' Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija wiehed u erbghin euro u erbgha u erbghin centezmi ta' euro (€1,341.44) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------